Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 20 ta' Marzu 2024**

**Kump. Nru. 893/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Versus**

**Salvatore Giuseppe Massimo Pirrello**
**(0196615A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Salvatore Giuseppe Massimo Pirrello**, u detentur tal-passaport Taljan bin-numru YB6673381 u tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0196615A

F'isem ir-Repubblika ta' Malta akkuzat talli gewwa ġewwa 'Hugo Group Office' Triq George Court, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra fil-gżejjer Maltin bejn il-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u t-tnejn (02) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u/jew fil-ġranet ta' qabel:

1. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex ġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' Lifetime Limited, kumpanija reġistrata Malta bin-numru tar-reġistrazzjoni C 19952 u/jew ta' persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra, liema ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħamest elef euro (€5000);

2. Talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi bi ħsara ta' Lifetime Limited, kumpanija reġistrata Malta bin-numru tar-reġistrazzjoni C 19952 u/jew ta' persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra, għamel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli tas-Sub-Titolu III Titlu IX Tieni Taqsima l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ammont tal-ħsara magħmula mill-ħatja huwa aktar minn ħamest elef euro (€5000);

3. Talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, mill-flejjes ta' Lifetime Limited, kumpanija reġistrata Malta u bin-numru tar-reġistrazzjoni C 19952 u/jew ta' persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra, li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu minħabba l-kariga jew servizz tiegħu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat liema ammont tal-ħsara magħmula huwa aktar minn ħamest elef euro (€5000);

4. Talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi mingħajr awtorizżżazzjoni uża computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex jidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew uża, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk, liema reat sar f'xi post minn impjegat bi preġudizzju tal-prinċipal tiegħu jew bi preġudizzju ta' terzi, jekk il-pożizzjoni tiegħu ta' impjegat, kemm vera jew fittizja, għamlitha faċli għalih li jagħmel ir-reat msemmi;

5. Talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi mingħajr awtorizzazzjoni installa, neħħa, biddel, għamel ħsara, ħassar, iddeterjora, rażżan, qered, varja jew żied ma' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew irrenda data bħal din inaċċessibbli liema reat sar f'xi post minn impjegat bi preġudizzju tal-prinċipal tiegħu jew bi preġudizzju ta' terzi, jekk il-pożizzjoni tiegħu ta' impjegat, kemm vera jew fittizja, għamlitha faċli għalih li jagħmel ir-reat msemmi;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 28H *et seq*, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet

ta' Malta, għar-rigward illi l-ħati jħallas id-danni ai termini tal-istess Artikoli 15A u 28H *et seq*, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ppresentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2024 irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrijja ta' l-imputat kif ukoll illi l-imputat diga' radd lura ammont sostanzjali lill-parti leza.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikoli 7, 8, 31, 293, 308, 309, 310 (1)(a), 337C(1)(a)(g)(2)(3)(4) u 337F(1)(2)(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil **imputat Salvatore Giuseppe Massimo Pirello hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija** illi b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 28A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin** millum, **kif ukoll qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' elfejn u hames mitt Euro (€ 2,500).**

Kif ukoll ai termini tal-**Artikolu 28H(1)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil imputat Salavatore Giuseppe Massimo Pirello jirrestitwixxi lil Lifetime Limited (C19952) **l-ammont ta' ghaxart elef sebgha mija u tnejn u disghin Euro (€ 10,792.00) u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H(2)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat qed jinghata **zmien sitt xhur millum sabiex ihallas lil parti leza.**

Il-Qorti spjegat lil imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**